

Brussell, 9 ta' Diċembru 2025  
(OR. en)

16638/25

JAI 1887  
COPEN 414  
DROIPEN 163  
CATS 82  
FREMP 385

## EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	14959/25 + COR 1
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet mudell dwar il-liġi kriminali sostantiva tal-UE

---

Fil-laqgħa tiegħu tat-8-9 ta' Diċembru 2025, il-Kunsill (Ġustizzja u Affarijiet Interni) approva sett ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Dispożizzjonijiet mudell dwar il-liġi kriminali sostantiva tal-UE". It-test kif approvat mill-Kunsill jinsab fl-Anness.

## **Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar dispożizzjonijiet mudell dwar il-liġi kriminali sostantiva tal-UE**

Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu mill-2002 "dwar l-approċċ li għandu jiġi applikat fir-rigward tal-approssimazzjoni tal-pieni"<sup>1</sup>, mill-2009 "dispożizzjonijiet mudell, li jiggwidaw id-deliberazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-liġi kriminali"<sup>2</sup>, u mill-2024 "dwar il-futur tal-liġi kriminali tal-UE: rakkomandazzjonijiet għat-triq 'il quddiem"<sup>3</sup>, u jtenni li l-konklużjonijiet imsemmija jirriflettu l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar il-kwistjoni.

B'mod partikolari, il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-punt 3 fil-konklużjonijiet tiegħu mill-2002 u tal-punti 1-10 fil-konklużjonijiet tiegħu mill-2009. Huwa jtenni l-ħtieġa li jiġu żgurati l-koerenza u l-konsistenza mal-acquis tal-UE fir-rigward tad-dispożizzjonijiet rikorrenti f'atti differenti tal-liġi kriminali sostantiva tal-UE, sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-UE fid-dritt nazzjonali u l-interpretazzjoni tagħhom, filwaqt li tiġi ssalvagwardjata l-flessibbiltà meħtieġa. F'dan il-kuntest, qed tiġi enfasizzata l-importanza ta' linji gwida u dispożizzjonijiet mudell biex jiġu ffaċilitati n-negozjati leġislattivi.

Il-Kunsill ifakkar li l-konklużjonijiet tal-2009 approvaw sett ta' dispożizzjonijiet mudell, li jinsabu fl-Anness II tal-Konklużjonijiet, li "*għandhom jiggwidaw il-ħidma futura tal-Kunsill dwar inizjattivi leġislattivi li jistgħu jinkludu dispożizzjonijiet kriminali*".

Il-Kunsill jinnota li fl-2024 nieda proċess biex jimmodernizza u, jekk meħtieġ, ikabbar il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet mudell fid-dawl tal-bosta atti dwar il-liġi kriminali tal-UE li ġew adottati mid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-2009. Dan il-proċess wassal għall-elaborazzjoni ta' sett aġġornat ta' dispożizzjonijiet mudell, li ġew ippreżentati fir-Rapport tal-Presidenza Ungeriża f'Diċembru 2024. B'hekk ġie ssottolinjat li atti leġislattivi futuri dwar il-liġi kriminali sostantiva "*għandhom, kemm jista' jkun, isegwu l-approċċ deskritt f'dawn id-dispożizzjonijiet mudell maqbula*".

---

<sup>1</sup> 9141/02.

<sup>2</sup> 16542/1/09 REV2.

<sup>3</sup> 10984/24.

Fid-dawl ta' dan, il-Kunsill iqis li huwa xieraq li japprova d-dispożizzjonijiet mudell aġġornati li ġejjin. Huwa jissottolinja li d-dispożizzjonijiet mudell ma għandhomx ikunu vinkolanti fuq il-koleġislaturi, iżda jikkostitwixxu sett ta' għodod li minnu l-koleġislaturi jistgħu jagħżlu d-dispożizzjonijiet li jqisu meħtieġa biex jiġu inklużi f'att leġislattiv u li ser jiggwida l-ħidma tal-Kunsill dwar kwalunkwe proposta futura għal att dwar il-liġi kriminali sostantiva tal-UE. Huma maħsuba biex jidentifikaw lingwaġġ standard maqbul tad-dispożizzjonijiet rilevanti sabiex jiġu żgurati l-konsistenza, il-koerenza u l-effiċjenza fl-atti leġislattivi kollha. Dawn bl-ebda mod ma jaffettwaw il-prerogattivi tal-Kummissjoni jew tal-koleġislaturi skont it-Trattati jew jantiċipaw il-pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-inklużjoni possibbli ta' dispożizzjoni speċifika bbażata fuq dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, f'att leġislattiv speċifiku. Il-parentesi u l-korsiv jidentifikaw dispożizzjonijiet li (il-Kunsill iqis) jeħtieġu ġustifikazzjoni partikolarment b'saħħitha (fid-dawl ta' ċirkostanzi speċifiċi) sabiex jiġu inklużi f'att leġislattiv speċifiku. Il-ħtieġa li tiġi inkluża kwalunkwe dispożizzjoni jew element addizzjonali, għandha tiġi kkunsidrata wkoll matul in-negożjati rilevanti.

Il-Kunsill jistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni biex jieħdu nota tad-dispożizzjonijiet mudell u jkomplu jinvolvu ruħhom fi djalogu interistituzzjonali strutturat bl-għan li jiddefinixxu dispożizzjonijiet mudell komuni.

## DISPOŻIZZJONIJIET MUDELL GĦAL-LIĠI KRIMINALI TAL-UE

### **A. REATI KRIMINALI**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-imġiba li ġejja tikkostitwixxi reat kriminali meta titwettaq intenzjonalment.

### **B. INĊITAMENT, GĦAJNUNA U KOMPLIĊITÀ, U ATTENTAT**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-inċitament biex jitwettaq reat kriminali intenzjonali kif ukoll l-għajnuna u l-kompliċità fit-twettiq tiegħu kopert mill-[Artikolu/i ...] ikun punibbli bħala reat kriminali.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li attentat biex jitwettaq reat kriminali intenzjonat kopert mill-[Artikolu/i ...] ikun punibbli bħala reat kriminali.

### **C. PIENI GĦAL PERSUNI FIŻIĊI**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta persuna fiżika twettaq reat kopert mill-[Artikolu/i ...], ir-reat kriminali jkun punibbli b'pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.
2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reati kriminali koperti mill-[Artikolu/i ...] jkunu punibbli b'piena massima ta' priġunerija ta' mill-inqas [sena/sentejn/ħames snin/għaxar snin];
- [3. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jkunu wettqu r-reati kriminali koperti mill-[Artikolu/i ...] jistgħu jkunu soġġetti għal pieni jew miżuri kriminali jew pieni jew miżuri mhux kriminali oħra li jistgħu jinkludu dan li ġej:*

(a) *obbligu li:*

(i) .... ; jew

(ii) ...;

- (b) *multi li jkunu proporzjonati għall-gravità tal-imġiba;*
- (c) *esklużjoni mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inkluż proċeduri ta' akkwist, għotjiet, konċessjonijiet u liċenzji;*
- (d) *skwalifika mill-eżerċitar, fi ħdan persuna ġuridika, ta' pożizzjoni ta' tmexxija tal-istess tip użat għat-twettiq tar-reat;*
- (e) *irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet għall-eżerċitar ta' attivitajiet li jkunu rriżultaw fir-reat kriminali rilevanti.]*

#### **D. ĊIRKOSTANZI AGGRAVANTI /U MITIGANTI/**

##### 1. Ċirkostanzi aggravanti<sup>4</sup>

Sal-punt li ċ-ċirkostanzi li ġejjin ma jkunux jagħmlu parti mill-elementi li jikkostitwixxu r-reati kriminali koperti mill-[Artikolu/i ...], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tar-reati kriminali koperti mill-[Artikolu/i rilevanti], waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li ġejjin ikunu jistgħu, f'konformità mal-liġi nazzjonali, jitqiesu bħala ċirkostanzi aggravanti:

(a)....;

(b)....

---

<sup>4</sup> Il-premessa mudell li ġejja għandha tkun ukoll parti minn dawn id-dispożizzjonijiet mudell: "Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li tal-anqas waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi aggravanti [u mitiganti] previsti f'din id-Direttiva tkun ipprovduta bħala ċirkostanza aggravanti [jew mitiganti] possibbli f'konformità mar-regoli applikabbli fis-sistema legali tagħhom."

[2. *Ċirkostanzi mitiganti*

*L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fir-rigward tar-reati kriminali koperti mill-[Artikolu/i rilevanti ...], waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi li ġejjin ikunu jistgħu, f'konformità mal-liġi nazzjonali, jitqiesu bħala ċirkostanza mitiganti:*

(a) ...;

(b) ....]

**E. RESPONSABILITÀ TA' PERSUNI ĠURIDIĊI**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati kriminali koperti mill-[Artikolu/i ...] meta r-reati kriminali jkunu twettqu għall-benefiċċju ta' daww il-persuni ġuridiċi minn persuna fiżika li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija f'dik il-persuna ġuridika u li taġixxi individwalment jew bħala parti minn organu ta' dik il-persuna ġuridika abbażi ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin ("persuna ewlenija"):

(a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika;

(b) awtorità li tiegħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika; jew

(c) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

[2. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għal reati kriminali koperti mill-[Artikolu/i ...] fejn in-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll minn persuna ewlenija jkun għamel possibbli, minn persuna fiżika taħt l-awtorità tagħhom, it-twettiq ta' reat kriminali kopert mill-[Artikolu/i ...]., għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika.]*

3. Ir-responsabbiltà tal-persuni ġuridiċi skont il-paragrafi 1 [jew 2] ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tipprekludi l-proċedimenti kriminali kontra l-persuni fiżiċi li jwettqu, jinċitaw jew huma kompliċi fir-reati kriminali koperti mill-[Artikolu/i ...].

## F. PENALI GĦALL-PERSUNI ĠURIDIĊI

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta persuna ġuridika tinżamm responsabbli skont l-[Artikolu ...], ir-reat kriminali jkun punibbli b'pieni jew miżuri kriminali jew mhux kriminali li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.
2. Pieni jew miżuri kriminali jew mhux kriminali li jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi għandhom jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u jistgħu jinkludu peni jew miżuri kriminali jew mhux kriminali oħra, bħal:
  - (a) l-esklużjoni mid-dritt għall-benefiċċji pubbliċi jew għall-għajnuna pubblika;
  - (b) l-esklużjoni mill-aċċess għal finanzjament pubbliku, inklużi proċeduri ta' sejħiet għall-offerti, għotjiet u konċessjonijiet;
  - (c) l-iskwalifika mill-prattika ta' attivitajiet ta' negozju;
  - (d) l-irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet għall-eżerċitar ta' attivitajiet li jkunu rriżultaw fir-reat;
  - (e) it-tqegħid taħt superviżjoni ġudizzjarja;
  - (f) l-istralċ ġudizzjarju;
  - (g) l-għeluq ta' stabbilimenti li jkunu ntużaw biex jitwettaq ir-reat kriminali;
  - (h) meta jkun hemm interess pubbliku, il-pubblikazzjoni tat-totalità jew ta' parti tad-deċiżjoni ġudizzjarja relatata mar-reat kriminali mwettaq u l-penali jew il-miżuri imposti, mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-privatezza u l-protezzjoni tad-data personali.

[3. *L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta persuna ġuridika tinżamm responsabbli skont l-Artikolu E(1) għal reati kriminali koperti mill-[Artikolu/i ...], din tkun punibbli b'multi kriminali jew mhux kriminali. L-ammont ta' tali multi għandu jkun proporzjonat għall-gravità tal-imġiba u għaċ-ċirkostanzi individwali, finanzjarji u oħrajn tal-persuna ġuridika kkonċernata. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-livell massimu ta' tali multi ma jkunx inqas minn:*

(a) *għar-reati kriminali koperti mill-[Artikolu/i ...]:*

(i) *[5 %] tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika, jew fis-sena finanzjarja ta' qabel dik li fiha jkun twettaq ir-reat, jew inkella fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa; jew alternattivament*

(ii) *ammont li jikkorrispondi għal EUR [massimu ta' 40 000 000];*

(b) *għar-reati kriminali koperti mill-[Artikolu ...]:*

(i) *[1/3 %] tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika, jew fis-sena finanzjarja ta' qabel dik li fiha jkun twettaq ir-reat, jew inkella fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa; jew alternattivament*

(ii) *ammont li jikkorrispondi għal EUR [8/24 miljuni].<sup>5</sup>*

4. *L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu regoli għall-każijiet fejn ma jkunx possibbli li l-ammont tal-multa jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika fis-sena finanzjarja ta' qabel dik li fiha jkun twettaq ir-reat, jew fis-sena finanzjarja ta' qabel dik tad-deċiżjoni li tiġi imposta multa.]*

---

<sup>5</sup> Jenħtieġ li l-limiti jkunu proporzjonati għal-livelli ta' pieni għall-persuni fiżiċi previsti fl-att leġiżlattiv speċifiku u jqisu l-limiti alternattivi adottati fid-Direttiva (UE) 2024/1203 dwar il-protezzjoni tal-ambjent permezz tal-liġi kriminali u d-Direttiva (UE) 2024/1226 dwar id-definizzjoni ta' reati kriminali u ta' penali għall-ksur ta' miżuri restrittivi tal-Unjoni.

## **G. ĠURIŻDIZZJONI**

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu fuq ir-reati kriminali koperti mill-[Artikolu/i ...] meta:

- (a) ir-reat kriminali jkun twettaq kompletament jew parzjalment fit-territorju tiegħu;
- (b) ir-reat kriminali jkun twettaq abbord vapur jew ingenu tal-ajru rreġistrat f'dak l-Istat Membru jew li jtajjar il-bandiera tiegħu; jew
- (c) it-trasgressur ikun wieħed miċ-ċittadini tiegħu.

2. Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni meta huwa jiddeċiedi li jestendi l-ġurisdizzjoni tiegħu għal wieħed jew aktar mir-reati kriminali koperti mill-[Artikolu/i ...] li jkunu twettqu lil hinn mit-territorju tiegħu, meta:

- (a) it-trasgressur ikun resident abitwali fit-territorju tiegħu;
- (b) ir-reat ikun twettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika stabbilita fit-territorju tiegħu;
- (c) ir-reat ikun twettaq kontra wieħed jew aktar miċ-ċittadini jew mir-residenti abitwali tiegħu; jew

[(...)]

[3. *Fil-każijiet koperti mill-paragrafu 1, il-punti [...] l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħhom ma jkunx soġġett għall-kundizzjoni li prosekuzzjoni tista' tinbeda biss wara lment mill-vittma fil-post fejn ikun twettaq ir-reat kriminali, jew denunzja mill-Istat tal-post fejn ikun twettaq ir-reat kriminali.]*

## H. PERJODI TA' PRESKRIZZJONI<sup>6</sup>

1. L-Istati Membri għandhom jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni [li jkun proporzjonat għall-gravità tar-reat u] li jippermetti l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u l-aġġudikazzjoni tar-reati kriminali koperti mill-Artikoli [...] għal biżżejjed żmien wara li jkunu twettqu dawk ir-reati kriminali, sabiex dawk ir-reati kriminali jkunu jistgħu jiġu ttrattati b'mod effettiv.
- [2. *Il-perjodu ta' preskrizzjoni kopert mill-paragrafu 1 għandu jkun ta' mill-inqas [...] snin minn meta jkun twettaq reat kriminali punibbli b'terminu ta' priġunerija massimu ta' mill-inqas [...] snin.*
3. *L-Istati Membri għandhom jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni ta' mill-inqas [...] snin mid-data tas-sentenza finali għal reat kriminali kopert mill-Artikoli [...] li jippermetti l-infurzar tal-pieni li ġejjin imposti wara kundanna:*
  - (a) *piena ta' priġunerija ta' aktar minn [...]; jew alternattivament*
  - (b) *piena ta' priġunerija għal reat kriminali punibbli b'terminu massimu ta' priġunerija ta' mill-inqas [...] snin.*
4. *B'deroga mill-paragrafi 2 u 3, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu perjodu ta' preskrizzjoni li jkun iqsar minn [...] snin, iżda mhux iqsar minn [...] snin, dment li tali perjodu ta' preskrizzjoni jkun jista' jiġi interrott jew sospiż f'każ ta' atti speċifikati.]*

---

<sup>6</sup> Il-premessa mudell li ġejja għandha tkun ukoll parti minn dawn id-dispożizzjonijiet mudell: "Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-perjodi ta' preskrizzjoni meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jiġġieldu b'mod effettiv ir-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva, mingħajr preġudizzju għar-regoli nazzjonali li ma jistabbiluxx perjodi ta' preskrizzjoni għall-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u l-infurzar".

## **I. DATA STATISTIKA**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ sistema għall-ġbir, il-produzzjonijiet u t-tixrid ta' data statistika anonimizzata eżistenti dwar ir-reati koperti mill-[Artikolu/i ...].
- [2. *Mingħajr preġudizzju għall-obbligi ta' rapportar stabbiliti f'atti legali oħra tal-Unjoni, l-Istati Membri għandhom, fuq bażi annwali u jekk disponibbli fil-livell ċentrali, jissottomettu lill-Kummissjoni data statistika koperta mill-paragrafu 1 li għandha, bħala minimu, tinkludi data eżistenti dwar:*
  - (a) *l-għadd ta' reati kriminali li l-Istati Membri jkunu rreġistraw u ħadu deċiżjoni dwarhom;*
  - (b) *l-għadd ta' kawżi tal-qorti li ġew miċħuda, inkluż minħabba l-iskadenza tal-perjodu ta' preskrizzjoni għar-reat kriminali kkonċernat;*
  - (c) *l-għadd ta' persuni fiżiċi li jkunu ġew imħarrka.]*

## **[J. TAĦRIĠ**

*Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jippromwovu taħriġ speċjalizzat lill-imħallfin, lill-prosekuturi, lill-pulizija u lill-persunal ġudizzjarju u lill-persunal tal-awtoritajiet kompetenti involut fi proċedimenti u investigazzjonijiet kriminali rigward l-obiettivi ta' din id-Direttiva u xieraq għall-funzjonijiet ta' tali imħallfin, prosekuturi, pulizija u persunal ġudizzjarju u persunal tal-awtoritajiet kompetenti.]*

---